**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Marzu 2019**

**Talba Nru: 200/18 CZ**

**Avv. Malcolm Mifsud (ID 405168 (M)**

**vs.**

**Mustafa Abusaada (ID 319503 (L) u Elite Network International Limited (C 76838)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fl-4 ta' Mejju 2018 li biha ppremettiet:

1. Illi f'Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), ir-rikorrenti pprovda servizzi professjonali ta' natura legali lis-scojeta' intimata Elite Networking International Ltd. konsistenti f'pariri legali waqt laqgha li r-rikorrenti kellu mas-socjeta' intimata kif ukoll abbozzar ta' ftehim ta' kera;
2. Illi fit-tnejn (2) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017), intbaghtet il-fattura numru 000215 (hawnhekk annessa u mmarkata bhala Dok. A) lis-socjeta' intimata

fejn gew indikati s-servizzi pprovduti mir-rikorrenti, liema servizzi ammontaw ghal hames mija u disghin Euro (€590);

3. Illi minkejja li s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi hija baqghet inadempjenti u ghaldaqstant il-hlas ghas-servizzi fl-ammont ta' hames mija u disghin Euro (€590) ghadu dovut;

Ghaldaqstant, ior-rikorrenti jitlob lit-Tribunal sabiex jiddeciedi billi jordna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' hames mija u disghin Euro (€590) lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-30 ta' Mejju 2018, il-kovenuti eccepew:

1. Illi l-attur Dott. Malcolm Mifsud fetah kawza fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jithallas l-ammont ta' hames mija u disghin Euro (€590) ghal servizzi legali illi l-istess avukat allegatament ta lill-konvenut u lis-socjeta' intimata.
2. Illi r-rikorrent [sic] qieghed jirrileva illi l-istess talba u l-pretensjonijiet tal-istess avukat huma fiergha u minghajr bazi perss illi l-istess konvenut qatt ma talab ghas-servizzi tal-istess avukat.
3. Illi r-rikorrenti jirrileva illi l-unika darba illi hu ltaqa' ma' l-istess vukat kien metq f'Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa kien dahal f'kuntratt ta' kirja tal-istabbiliment bl-indirizz disgha w ghoxrin (29), Triq l-Arcisqof, il-Belt Valletta, ma' sid il-post is-Sur Salvatore Psaila.
4. Illi effettivament l-attur Dott. Malcolm Mifsud kien il-konsulent legali tas-Sur Psaila li min-naha tieghu ried ikollu mieghu prezenti lill-avukat tieghu meta jigi ffirmat il-kuntratt ta' kirja tal-istabbiliment imsemmi bejn il-partijiet.
5. Illi r-rikorrenti jirrileva illi huwa kien ghazel illi jattendi fl-ufficcju tal-avukat peress illi sid il-post ried illi l-kuntratt ta' kirja jigi ffirmat fil-prezenza tal-konsulent legali tieghu u l-istess rikorrent ma sab ebda oggezzjoni ghal dan.

6. Illi r-rikorrent ghazel illi ma jiehux mieghu konsulent legali u dan peress li huwa stess attenda l-kors tal-ligiu kellu bazi bizzejjed legali sabiex jifhem x'inhu jiffirma.
7. Illi s-Sur Salvatore Psaila fil-fatt jista' jikkonferma illi l-avukat Dott. Malcolm Mifsud kien fil-fatt il-konsulent legali tieghu u mhux tar-rikorrent [sic] illi qatt ma ghazel illi juza s-servizzi tal-istess avukat.
8. Illi huwa biss issa meta dan l-ahhar inqala' dizgwid bejn ir-rikorrent u s-sid il-post illi l-attur qieghed jallega illi ghandu jigi mhallas mir-rikorrent, iktar minn sena wara u dan wara illi qatt ma bagahd ebda kont lir-rikorrent dwar servizzi legali illi allegatament ta lir-rikorrent.
9. Illi ghar-ragunijiet suespost, ir-rikorrent ma jistax jifhem ghal liema raguni ghandu jhallas ghal servizzi legali li qatt ma talab lill-istess attur u qieghed jitlob umilment lill-gudikant sabiex jichad it-talba u l-pretensjonijiet tal-istess attur li ghandhom jigu meqjusin bhala fiergha u bla bazi.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' l-attur[1], Sunny Psaila[2], il-konvenut[3], u Max Magri[4].

---

[1] Fol. 12 et seq., u l-kontro-ezami aktar tard

Ikkunsidra:

Illi jehtieg jigi qabel xejn stabbilit jekk il-konvenuti jew min minnhom inkarigawx lill-attur bhala avukat taghhom ghal din il-bicca xoghol tal-kirja. Il-verzjonjiet tal-partijiet huma opposti ghal kollox, u x-xhud li gab kull wiehed mill-partijiet, aktar minn hekk, kompla ta verzjoni addirittura differenti minn dik li taw il-partijiet.

Illi l-attur isostni illi meta l-konvenut kien mar ghandu flimkien ma' sid il-fond in kwestjoni, il-konvenut kien accetta li l-attur jaghtieh servizzi legali, u sahansitra qablu fuq il-hlas li kellu jhallas il-konvenut.

Illi izda l-konvenut ghall-kuntrarju jichad dan, u jghid illi l-klawsoli tal-kirja in kwestjoni innegozjahom hu personalment, wahda wahda, u mhux ghax kien qabbad lill-attur biex jghinu.

Illi Sunny Psaila min-naha l-ohra jghid illi l-attur u l-konvenut kienu qablu dwar il-fatt illi d-drittijiet ta' l-avukat fuq il-kuntratt in kwestjoni kellhom jithallsu f'ishma indaqs mill-kerrej u minn sid l-art.

Illi Max Magri, l-agent tal-propjeta', jghid izda illi kien hemm ftehim illi l-attur ikun 'rapprezentant [sic] legali'. Jghid ukoll illi l-hlasijiet ma gew diskussi qatt. It-Tribunal jinnota pero' illi mix-xiehda rrizulta illi apparti dan Max Magri, kien gieli jattendi xi hadd iehor mill-agenzija; u ghalhekk dan Max Magri ma jistax jinghad illi kien hemm ghal kull wahda mil-laqghat li saru.

---

[2] Fol. 16
[3] Fol. 20
[4] Fol. 23, u l-kontro-ezami aktar tard

Illi t-Tribunal mhuwiex konvint illi l-konvenut ma nkarigax lill-attur bhala avukat. Filwaqt li l-konvenut jghid li ma kellux ghalfejn jinkariga lill-attur ghaliex kien innegozja kull klawsola ma’ l-attur wahda b’wahda, min-naha l-ohra x-xhud li gab huwa stess qal illi: “it was agreed that the legal representative was going to be Dr. Malcolm Mifsud”. Apparti dan, fir-risposta tieghu ghall-kawza il-konvenut jghid illi qatt ma rcieva l-ebda kont minghand l-attur[5], izda mbaghad fl-affidavit tieghu jghid illi malli rcieva l-ewwel invoice, kien cempel lill-attur minnufih. Dan fih innifsu juri illi mhuwiex minnu illi l-konvenut ma kienx ircieva kontijiet.

Illi jirrizulta wkoll illi apparti li ta pariri, l-attur abbozza wkoll il-kuntratt in kwestjoni, u hadem ghall-beneficcju taz-zewg partijiet; Illi ghalhekk ghat-Tribunal huwa aktar verosimili illi l-konvenut kien propjament inkariga lill-attur sabiex jassistieh, tant li baqa’ jattendi anke ghal laqghat fl-ufficcju tieghu, flmkien ma’ sid il-fond mikri u l-agent.

Illi peress illi dan il-punt dwar jekk l-attur giex effettivament inkarigat kien wiehed mill-punti principali ta’ kontenzjoni, it-Tribunal jidhirlu li din il-kawza tistrieh sew fuq il-kredibilita’ tal-partijiet u tax-xiehda taghhom, u fuq l-apprezzament li dan it-Tribunal irid jaghmel tad-depozizzjonijiet taghhom. Dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet: *Joseph Tonna vs Philip Azzopardi* deciza nhar it-tnax (12) t’April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

> In materja ta’ provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:
>
> a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti

[5] Paragrafu 8 tar-risposta

favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI/i/5.

b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;

c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju *Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco* – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi kull xoghol ghandu jsir il-hlas misthoqq ghalih. Intqal fis-sentenza fl-ismijiet *Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et*[6] illi:

> Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti"

Illi fil-kaz in kwestjoni jidhol ukoll l-istitut tal-*locatio operis*, anke jekk mhux ghal xi haga maghmula bl-idejn, izda purament ghal servizzi professjonali. Fl-istess sentenza fuq imsemmija, inghad hekk:

> Issa in tema legali, trattasi li hawnhekk qeghdin fil-presenza tal-figura guridika tal-locatio operis, ukoll jekk professjonali, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili, il-kriterju dominanti fil-komputazzjoni tal-korrispettiv, attiz l-assenza ta' konvenzjoni minn qabel bejn il-partijiet u l-inapplikazzjoni ghall-fattispeci tat-tariffi professjonali dettati mil-ligi jew mill-uzu, kien dak meqjus mill-Qorti skond ic-cirkostanzi (Artikolu 1624, Kodici Civili). Jinzel minn dan illi, kif ravvizat f'sentenzi ohra ta' din l-istess Qorti, lil gudikant hu moghti l-funzjoni ta' arbitratur, f'liema kaz dan mhux vinkolat

[6] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) *per* Onor. Imhallef Philip Sciberras – 20 ta' Novembru 2009

minn xi parametri prefissi. Jikkonsegwi ghalhekk illi in linea ta' massima l-attenzjoni tal-gudikant ghandha ghad-determinazzjoni tal-korrispettiv tiffoka ruhha fuq "id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tar-rizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol" jew is-servizz professjonali. Ara "Nazzareno Zammit –vs- Anthony Desira", Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2007. Anke jekk mhux ezawstiva tali konsiderazzjoni, ukoll jekk komplimentari, twessgha l-affermazzjoni tal-Qorti f'dik is-sentenza l-ohra citata. Dan kif analogikament deciz minn din l-istess Qorti f'sentenzi ohra ko-involgenti prestaturi professjonali. Ara inter alia "Avukat Joseph Sammut - vs- Goliath Developments Limited", 12 ta' April, 2007, u "Perit Caroline Caruana -vs- George Properties Limited", 9 ta' Jannar, 2009;

Illi peress li t-Tribunal, wara li qies ix-xiehda, stabbilixxa illi l-verzjoni ta' l-attur ghandha aktar mis-sewwa, jiddikjara illi t-talbiet ta' l-attur jisthoqq li jintlaqghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jilqa' t-talbiet ta' l-attur, u konsegwentement jordna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' hames mija u disghin Euro (€590), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sal-hlas effettiv. L-ispejjez, kif mitluba, jithallsu kollha mill-konvenuti.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur